MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 6/2012

**EURO BEVERAGES LIMITED**

**Vs**

**DIRETTUR GENERALI TAT-TAXXA FUQ IL VALUR MIZJUD gja KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIZJUD**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni moghtija mill-Bord ta'l-Appelli dwar l-Eko-kontribuzzjonijiet tal-04 ta' Ottubru 2012 fejn il-Bord ippronunzja is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord:-*

**1 .** *Ra l-istejjem mehmuza ma' l-ittra ta' stima bir-data tat-12 ta' Lulju 2011 (Fol. 2) mahruga mill-Awtorita' Kompetenti bis-sahha tal-artiklu 13A (1) tal-Att tal-Eko-Kontibuzzjonu kontra is-Socjeta Appellanti Euro Beverages Limited. Din l-istima qed titlob il-hlas totali ta' Eur 72,879.79 ghal perjodu mill-1 ta' Novembru 2007 sal-31 ta' Lulju 2008. Dan l-ammont jirraprezenta stima ta' Eur 66,027.16 f'Eko-kontribuzzjoni dovuta u mhux imhallsa u Eur 6,852.63 f'penali amministrattiva (lowdecleration levy) fuq importazzjoni u akkwisti principalment ta' kwantitajiet ta' flixken tal-ilma u xi kwantitajiet zghar ta' fliexken/bottijiet tal-birra,inbid, detergents u toiletries, kif indikat fl-istima.*

*Il-Bord jinnota li l-Awtorita' irrevediet din l-istima billi naqqset l-istima originali bl-ammont ta' Eur 3,631.23 wara li l-Awtorita' ccekjat il-fatturi sottomessi mill-Kumpannija Appellanti fuq talba tal-Bord matul it-trattazzjoni tal-kaz fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 (Eur 3,631.23 mill-istima tal-Eko kontribuzzjoni u Eur 363.12 mill-penali ghal perjodu ta' taxxa 1/11/07-31/12/07).*

*Ghaldaqstant skont nota mill-Awtorita tas-26 ta' April 2012 (Fol.52), l-istima appellata, inkluza il-penali ghall-perjodu 1/11/07-31/12/07 issa tammonta ghal Eur 66,324.56.*

**2 .** *Ra l-appell ipprezentat fil-5 ta' Awwissu 2011 (Fol. 3) mis-Sur Ray Degabriele ghan-nom tas-Socjeta Appellantikontra dawn l-istejjem mahruga mill-Awtorita' Kompetenti. F'dan l-appell l-Appellant iddikjara li ma jaqbilx mal-istejjem li harget l-Awtorita' billi l-Kumpannija qed tikkontendi li d-denunzji tal-Eko Kontribuzzjoni li kienet baghtet il-Kumpanija huma korretti, u mhux l-istejjem li harget l-Awtorita'. Ghalhekk dawn l-istejjem ghandhom ikunu ikkancellati bil-penali b'kollox.*

**3 .** *Ra r-risposta tal-Awtorita'li waslet ghand il-Bord fl-10 ta' Awwissu 2011 (Fol.6) kontra dan l-appell fejn l-Awtorita' qed tikkontendi li l-istejjem huma gusti u jisthoqqilhom konferma u li l-appell ghandu jigi michud. Ma' din is-sottomissjoni kien hemm mehmuz ukoll kopja tar-rapport tal-investigazzjoni mill-ispettur tal-Awtorita'. L-istejjem in kwistjoni nhadmu fuq dan ir-rapport.*

**3.1** *Skont dan ir-rapport (Fol.6a) l-ispettur kien baghat ghar-rapprezentant tal-Kumpannija Appellanti u talbu l-fatturi biex ikun jista' jqabbilhom mad-denunzji li kienet baghtet il-Kumpannija, ghax kien jidher li kien hemm diskrepanza bejn dak li kienet qed tiddikjara l-Kumpannija fid-denunzju taghha u l-informazzjoni li kellha l-Awtorita' mis-sistema tal-VIES (VAT Information Exchange System). Il-VIES hija sistema tal-Kummissjoni Ewropea li fiha tingabar l-informazzjoni mill-pajjizi kollha tal-Komunita Ewropea tal-bejgh lill-importaturi Maltin minn produtturi Ewropej u vici-versa.*

*Wara li gew sottomessi l-fatturi li kienu gew iddikjarati fid-denunzji mill-Appellanti, dawn kienu mqabbla mas-sistema tal-VIES u tac-CES u kien ikkonfermat li mhux il-fatturi kollha tal-akkwisti intra-komunitarji li kienet ghamlet il-Kumpannija kienu gew iddikjarati. Wara li l-Kumpannija Appellanti ddikjarat li ma kellhiex aktar fatturi x'tghaddi lill-Awtorita', l-Awtorita' talbet lill-Guardia di Finanza tal-Gvern taljan biex tipprovdi l-fatturi kollha tal-akkwisti li l-Appellanti kienet ghamlet mill-Italja. Din it-talba saret bis-sahha tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew 1798/2003- regolament dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur mizjud. Sussegwentament, wara li kienu waslu dawn il-fatturi mill-Gurdia di Finanza u tqabblu mas-sistema tal-VIES u d-denunzji tal-Kumpannija, inhargu l-istejjem ghat-total ta' Eur 66,027.16 f'eko-kontribuzzjoni dovuta, barra l-penali dovut minhabba diskrepanza.*

**4 .** *Ra r-risposta tad-19 ta' Settembru 2011 tas-Sur Raymond Vella, awditur, ghan-nom tal-Kumpannija Appellanti (Fol.11) fejn dan irrefera ghal-iskeda tal-istima mahduma mill-ispettur tal-Awtorita' u qal li l-Appellant, is-Sur*

*Degabriele, ma kienx qed jaqbel mal-istejjem kif inhadmu mid-Dipartiment ghax dawn ma kienux mahduma fuq il-kwantitajiet gusti li kienu mixtrija mill-kumpanija , peress li uhud mill-konsenji ma kienux jappartjenu lill-Euro Beverages Ltd. Ma' din ir-risposta is-Sur Vella hemez worksheet bl-akkwisti tal-kumpanija simili kif kienet inhadmet il-worksheet mill-ispettur, izda fuq kwantitajiet li, qed jikkontendu, kienu attwalment inxtraw minnhom, jigifieri ma jinkludux id-diskrepanzi skont kif ikkomunikati mill-Guardia di Finanza. Hu kkonkluda li fic-cirkostanzi hu kien qed jirrivedi l-ammont tal-istejjem ghal Eur 23,407 f'eko-kontribuzzjoni mhux iddikjarata u mhux kif kien assenjat mill-Awtorita'.*

**5 .** *Ra l-kontro sottomissjoni tal-Awtorita' tal-11 ta' Ottubru 2011 (Fol.13) fejn gie osservat li l-Kummissarju ma kienx qed jaqbel mal-kalkoli riveduti kif ipprezentati mill-Kumpannija ghax l-Appellant kien naqas milli jiddikjara Akkwisti intra-Komunitarji. Bis-sahha tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew 1798/2003, il-Kummissarju kien inghata informazzjoni minghand il-Guardia di Finanza tal-Ministeru tal-Finanzi Taljan rigward l-akkwisti intra-komunitarji kollha li kienet ghamlet il-kumpanija Appellanti u kkonfermati permezz tal-isem tal-kumpanija u tan-numru tal-VAT taghha.*

*Barra minhekk kien jidher li m'hemmx qbil ukoll fuq il-kwantita ta' fliexken tal-ilma li kienu mportati mit-Turkija minghand il-kumpanija EXSA. Skont informazzjoni li kien ta d-direttur stess tal-Kumpanija, is-Sur Ray Degabriele, waqt l-investigazzjoni, il-fliexken tal-ilma kienu jigu ppakkjati kif gej :*

*Pakkett ta' fliexken tal-0.5 ltr - 12 il-flixkun*

*Pakkett ta' fliexken tal-1.5 ltr - 8 flixken*

*Pakkett ta' fliexken tal-5.0 ltr - 1 flixkun wiehed*

*Pakkett ta' fliexken Hajjat tal-0.33 ltr - 24 flixkun*

**6 .** *Mexxa t-trattazzjoni bejn il-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011 (Fol.20).*

*Waqt it-trattazzjoni s-Sur Ray Degabriele, Direttur tal-Kumpannija Appellanti, inform lill-Bord li ghal xi zmien kellu lis-Sur Brian Borg bhala sieheb fin-negozju mieghu imma kienu sseparaw fis-sena 2006 u minn April 2008 'l quddiem il-Kumpanija ma baqghetx topera. Skont is-Sur Degabriele, Brian Borg kien qed imexxi negozju iehor u huwa kien qed jissuspetta li Borg kien importa xi xoghol ghal-kumpanija ohra fuq in-numru tal-VAT tal-Euro Beverages Ltd. Hu rrimarka ukoll li fuq il-worksheet tal-ispettur tal-Awtorita', li minn fuqha nhadmu l-istejjem, kien hemm xi invoices li ma kienux tal-kumpannija tieghu u kien hemm ohrajn bla numru li jahseb li kienu ta' xoghol li kien gie impurtat ghal-kumpannija ohra li kienet xolta fis-sena 2008.*

**6.1** *Rigward l-invoices li hu accetta li kienu tieghu, kien hemm wahda li kien irciviha darbtejn ghall-istess partita minhabba li l-partita kienet inqassmet f'zewg konsenji differenti u din il-partita kienet maghduda darbtejn fl-istima. Rigward l-ippakkjar tal-flixken tal-ilma tal-kumpanija EXSA, huwa spjega li sa l-ahhar tas-sena 2006 il-pakketti tal-0.5 litru ilma kienu jigu b'sitt flixken, pakketti tal-1.5 ltr jigu b'sitta ukoll, tal-5 litri bi flixkun wiehed, u l-flavoured water tat-33 cl b'sitt flixken. Huwa kellu jircievi konferma ta' dan minn ghand is-supplier tieghu ta' barra u kif jircieviha jipprezentha lill-Bord. Mis-sena 2007 'l hawn il-pakketti kienu jigu ppakkjati kif kien spjega lill-ispettur waqt l-investigazzjoni, jigifieri pakkett tal-0.5 ltr bi 12 il-flixkun, tal-1.5 ltr bi 8 flixken, tal-5.0 ltr b'wiehed u l-flavoured water tat-33cl b'24flixkun.*

*Fuq mistoqsijiet tal-Bord, l-Appellant stqarr li qatt ma kien semma xejn waqt l-investigazzjoni fuq il-bidla fl-ippakjar, izda hu kien ghadda l-invoices kollha li kellu meta talbuhomlu ghall-investigazzjoni. L-indirizz tal-kumpannija tieghu kien 13, Triq il-Bankiera, Qormi u sostna li mhux l-invoices kollha kienu jappartjenu ghall-kumpannija tieghu, ghalkemm kollha kienu juru l-isem u l-indirizz tal-kumpannija. Meta kien pprezentat mil-Bord b'dokumentazzjoni li*

*kienet turi l-pagamenti li saru mill-kumpannija Appellanti lis-suppliers tieghu tal-Italja, is-Sur Degabriele qal li ma kienx hemm il-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti. Fuq il-kwistjoni li kien hemm xi denunzji li kienu juru li mporta anqas milli kien iddikjarat fl-IntraStat, l-Appellant qal li hu kien jiddikkjara wara l-bejgh u mhux mal-importazzjoni jew akkwist ghax kien minghalih li l-eko-kontibuzzjoni hekk tithallas.*

**6.2** *Minn naha l-ohra, ir-rapprezentant tal-Awtorita ddikjara lil-kwistjoni tal-ippakkjar tal-flixken tal-ilma kienet giet diskussa mal-Appellant waqt l-investigazzjoni u waslu ghall-kwantitajiet ta' flixken skont kif indikalhom l-Appellant stess waqt l-investigazzjoni minn fuq il-fatturi li kien ghaddielhom hu stess. Biss l-Appellant qatt ma kien semma xejn dwar konsenji fejn l-ippakkjar tal-ilma kien differenti minn konsenji ohra.*

*Barra dawn il-fatturi, id-Dipartiment kellu f'idejh ukoll informazzjoni mis-sistema tal-VIES li turi li l-Appellant ma kienx iddikjara kollox rigward il-prodotti mixtrija mill-Italja. Ghalhekk huma kienu gabu mill-Guardia di Finanza kopja ta' dawk l-invoices li l-Appellant kien naqas li jghaddilhom. Il-Guardia di Finanza kienu baghtulhom kopji tal-invoices mahruga fuq Euro Beverages Ltd minn esportaturi Taljani flimkien ma skeda ta' kif saru l-pagamenti.*

*Fuq il-kwistjoni li l-Appellanti kien jiddikkjara l-eko-kontribuzzjoni mal-bejgh tal-prodotti u mhux mal-akkwist, u li minhabba f'hekk kien hemm xi denunzji li kienu qed juru ammont ta' eko-kontribuzzjoni aktar milli suppost, id-Dipartiment kien naqqas fejn kien gie ddikjarat iz-zejjed u fl-istima kien jidher biss dak li ma giex iddikjarat. Is-Sur Sultana ntavola numru ta' dokumenti li kienu juru:*

1. *Il-fatturi nkluzi fl-istejjem (Fol.21A)*
2. *Il-pagamenti li saru mill-Euro Beverages Ltd. lis-suppliers taghhom (Fol.21B)*
3. *Il-fatturi mhux inkluzi fl-istejjem (Fol.21C).*

**6.3** *Waqt is-seduta il-Bord irrizultalhu li mhux l-invoices kollha mnizzla fil-worksheet tal-istima tal-ispettur kellhom in-numru li jidentifika l-invoice. Barra minn hekk kien hemm xi invoices maghduda darbtejn minhabba li kienu jkopru partita wahda li ntbaghtet f'zewg konsenji. Dan kellu jigi kkorregut mid-Dipartiment billi terga ssir l-istess worksheet li turi n-numru ta' kull invoice u l-pagament li sar kontra kull invoice sabiex il-Bord ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni korretta u jigu eliminati xi zbalji.*

*Il-Bord irrimarka lis-Sur Degabriele li rigward is-suspetti li kellu li l-eks sieheb tieghu seta' kien qed jimporta mill-istess sorsi tal-kumpannija Appellanti bl-istess isem tal-kumpannija, il-Bord ma gie pprezentat bl-ebda evidenza dwar dan, apparti l-fatt li kieku ghall-grazzja tal-argument gara hekk, din hi kwistjoni li ma' jidholx fiha il-Bord. Il-Bord talab ukoll evidenza minghand is-Sur Degabriele dwar kif kien l-Ippakjar tal-ilma bejn data u ohra.*

**7 .** *Ra s-sottomissjoni tal-Awtorita tad-9 ta' Novembru 2011 (Fol.23) fejn, fost dokumenti ohra, l-Awtorita hemzet il-lista tal-fatturi li ghaddew mill-Guardia di Finanza lill-Awtorita u li fuqha nhadmu l-istejjem. Din il-lista giet emendata kif talab il-Bord fis-seduta tal-21 ta' Ottubru billi gew inkluz in-numru ta' kull invoice. Fuqha jidhru ukoll xi aggustamenti li saru a favur l-appellant fiz-zewg perjodi: 1.02.2008 u 1.05.2008 sa 31.7.2008 qabel il-hrug tal-istejjem. Il-bord kien informat ukoll li l-ispettur li ghamel l-investigazzjoni ipprova jqabbel il-fatturi mal-figuri ddikjarata mill-Appellanti fl-IntraStat. Dan ma setax isir peress li l-Appellant ma kienx qieghed jimla din l-informazzjoni b,mod korrett regoolarment. Il-Kummissarju nforma lill-Bord li kontra dak li kien qal is-Sur Degabriele fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011, waqt l-investigazzjoni l-ispettur kien iddiskuta mal-Appellant dawk l-invoices li kienu ghaddewlhom il-Guardia di Finanza.*

**8 .** *Mexxa t-trattazzjoni bejn il-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 (Fol.29).*

*L-Appellant, is-sur Degabriele, ipprezenta lill-bord il-lista (Dok. A mehmuz mal-minuti Fol.29) li kien issottometta id-Dipartiment mas-sottomissjoni tieghu tad-9 ta' Novembru 2011 u li l-Bord kien baghatlhu ghar-rimarki tieghu. Huwa*

*qal li rigward dawk l-invoices li d-Dipartiment kien gab mill-Italja, dawn ma kienx jaf bihom u qal li billi dak iz-zmien kien shab ma haddiehor, qed jassumi li dawn l-invoices kienu inxtraw minn wara darhu. Hu kien fetah kawza l-Qorti kontra l-eks sieheb tieghu fuq frodi.*

*Huwa mmarka b'salib fuq din il-lista dawk l-invoices li qal ma kienux fir-records tal-Kumpannija Appellanti. Waqt l-investigazzjoni, lil l-ispettur kien ghaddielu l-invoices kollha li kellu. Dak iz-zmien kemm hu kif ukoll l-eks sieheb fin-negozju mieghu kellhom l-istess poteri u l-pagamenti kienjaghmilhom l-eks partner bit-telefown mal-kumpanija Fexco. Barra mill-pagamenti, siehbu kien jaghmel ukoll il-bank reconciliation u l-audits mal-accountant, certu Baldacchino li kien jigi minn dan l-eks partner. L-Appellant qed jikkontendi li l-partner li kellu mieghu kien ingannah.*

*Waqt is-seduta l-Appellant intavola ukoll certifikat originali mis-supplier tieghu EXSA tat-Turkija dwar l-ippakkjar tal-ilma Danone Hayat. Is-Sur Degabriele spjega li dan ic-certifikat (Fol.29 Dok. B) fih id-dettalji tal-ippakkjar tal-flixken li fuqu m'hemmx qbil mal-ispettur tad-Dipartiment u juri li bejn is-sena 2004 sa l-ahhar tal-2006 il-pakketti kien ikun fihom:*

*Hayat water 1.5 ltr b'6 flixken*

*Hayat water 0.5 ltr b' 6 flixken*

*Hayat Levite 0.33 ltr b'6 flixken*

*Mis-sena 2007 'l quddiem is-Sur Degabriele ddikjara li l-ippakjar tal-istess prodotti kien ikun:*

*Hayat water 1.5 ltr bi 8 flixken*

*Hayat water 0.5 ltr bi 12 il-flixkun*

*Hayat Levite 0.33 ltr b'24 flixkun*

***8.1*** *Il-Bord ikkonferma li fil-listi tal-invoices pprezentati mid-Dipartiment, u li kienu jinkludi l-invoices kemm li pprezenta l-Appellant waqt l-investigazzjoni kif ukoll dawk li baghatu l-Guardia di Finanza, ma kienxtnizzel in-numru korrett tal-invoice izda numru iehor tad-dokumentazzjoni. Ghalhekk biex tkun skartata kull diffikulta li tista' tinqala' fid-decizjoni tal-kaz, il-Bord talab lir-rapprezentant tal-Awtorita sabiex jerga' jdur dawn il-listi u jqabbilhom mal-invoices propja sabiex il-listi jkunu emendati u jitnizzel in-numru tal-invoice kif suppost.  Dawn il-listi hekk emendati kellhom imbaghat jghaddu lill-Appellant biex jivverifika jekk l-invoices bin-numru emendat kienux jappartjenu lin-negozju tieghu jew le. Huwa kellu ukoll jghaddi kopja tad-dokumenti tad-Dwana li jkopru l-konsenja taht invoice Nru. 117 tal-kumpannija mit-Turkija Exsa biex ikun stabbilit ezatt in-numru ta' flixken f'kull pakkett mit-2007 'l quddiem.*

***9 .*** *Ra s-sottomissjoni tal-Awtorita tal-5 ta' Dicembru 2011 (Fol.30) fejn intbaghtet il-lista tal-invoices emendata bin-numru tal-invoice propja, kif mitlub waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011. Il-Kummissarju nforma ukoll lill-Bord li rigward ic-certifikat minghand Danone Hayat tat-Turkija fuq il-metodu ta' ippakjar tal-flixken tal-ilma li l-Appellant kien intavola waqt is-seduta, huma jhossu li kien ikun ahjar jekk jahdmu fuq id-dokumenti jkun hemm informazzjoni bizejjed biex ikun indikat in-numru ta' flixken f'kull pakkett.*

***10 .*** *Ra r-risposta tal-Appellant tal-20 ta' Dicembru 2011 (Fol.31). L-appellant informa l-Bord li rigward it-talba li kien ghamel il-Kummissarju tissottomissjoni tieghu tal-5 ta' Dicembru ghad-dokumenti tad-Dwana ghall-kull fattura in kwistjoni, huma talbu li jinatalhom zmien sas-17 ta' Jannar 2012 biex ikunu jistghu jipprezentaw dawn id-dokumenti tad-Dwana. L-Appellant ddikjara ukoll li kienu qed jaghmlu r-ricerki dwar il-lista tal-invoices ipprezentata lilhom mill-Kummissarju.  Ma l-istess sottomissjoni pprezentaw id-dokumenti tad-Dwana rigward il-fattura nru. 117 tal-EXSA kif mitluba waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011.*

**11 .** *Ra r-risposta tal-Awtorita tad-29 ta' Dicembru 2011 (Fol.33) fejn l-ufficjal tal-Awtorita qal li ser jaghti r-riposta tieghu ghas-sottomossjoni tal-Appellant tal-20 ta' Dicembru 2011 wara li l-istess Kumpannija Appellanti tissottometti l-bqija tad-dokumenti tad-Dwana kif mitluba mid-Dipartiment.*

**12 .** *Fit-13 ta' Frar 2012 il-Bord ircieva minghand l-Appellant numru ta' fatturi akkompanjati bid-dokumenti tad-Dwana relattivi (Fol.36) kif mitluba mill-Bord fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011. Dawn id-dokumenti ghaddew ghand l-ufficjali tal-Awtorita' ghall-kummenti tagghom fl-istess jum.*

*Fis-26 ta' April 2012, l-Awtorita' Kompetenti ssottomettiet (Fol.52) li wara li raw dawn il-fatturi u ghamlu ezercizzju fejn hadu in konsiderazzjoni l-piz tal-konsenji tal-ilma importati mit-Turkija skont id-dokumenti tad-Dwana ma dak li kien qed jiddikjara l-Appellant skont l-invoices (Fol.52 dok.A), instab li meta wiehed jikkalkula l-piz tan-numru totali ta' fliexken (1 litre = l kilo) hekk kif indikat mill-kumpanija fuq dawn l-invoices mal-piz fuq id-dokumenti tad-Dwana, dan il-piz skont il-fattura kien jirrizulta sustanzjalment anqas minn dak muri fuq id-dokumentazzjoni tad-Dwana (Fol.52 Dok .B).*

*Skont dan l-ezercizzju rrizulta ukoll li l-istima originali tal-Awtorita' kellha tkun imnaqqsa bi Eur 3,631.23, barra l-aggustament ghat-tnaqqis fil-penali.*

**13 .** *Mexx t-trattazzjoni bejn il-partijiet fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2012 (Fol.63).*

*Waqt it-trattazzjoni, il-Bord osserva li n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet kien fl-inkonsistenza li jidher li kien hemm bejn l-ippakkjar tal-flixken tal-ilma importati mit-Turkija bejn is-snin 2004 u 2006 meta mqabbla ma dawk mis-sena 2007 'l quddiem; dwar dawn ta' l-ahhar, kien hemm qbil bejn il-partijiet kif kien jigi ppakkjat l-ilma. Billi fuq l-invoices ta' Hayat Danone pprezentati mill-Appellant ma kienx jidher in-numru ta' flixken izda n-numru ta' shrink packs biss, id-Dipartiment hadem fuq ir-ratios bejn il-piz nett skont id-dokumenti tad-Dwana li kienu jakkopanjaw kull konsenja, u l-piz tal-flixken tal-*

*ilma skont id-daqs kif jidher fuq il-fatturi. Minn dan l-ezercizzju kienu rrizultaw id-diskrepanzi li sab id-Dipartiment bejn dak li kien qed jiddikjara l-Appellant fid-denunzji tieghu u x'attwalment kien gie importat. Il-Bord kien ghadda kopja ta' dan l-ezercizzju lill-Appellant ghall-kummenti tieghu. L-appellant stqarr li ma kienx qed jabel mal-formola li uza d-Dipartiment biex wasal ghall-istejjem.*

*Il-Bord talab lill-Appellant biex jipprezenta d-dokumenti tad-Dwana kollha, inkluzi delivery orders u bills of lading, li kienu jkopru l-konsenji kollha in kwistjoni biex b'hekk, fin-nuqqas li kien hemm f'kull invoice tan-numru attwali ta' flixken, jitnehha kull dubbju fuq il-kwantitajiet ta' flixken li kienu gew importati. Dawn id-dokumenti kellhom jigu pprezentati sal-20 ta' Gunju 2012.*

***14 .** Ra d-dokumenti li pprezenta l-Appellant fit-3 ta' Lulju 2012 (Fol. 65) fuq talba tal-Bord fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2012. Dawn id-dokumenti kienu jikkonsistu f' invoices u dokumenti tal-agenti tal-vapuri lokali ghal-kull konsenja (Notices of Arrival/ Delivery Orders). Mill-informazzjoni li gabar il-Bord minn fuq dawn id-dokumenti ma setghax jiddetermina n-numru ta' flixken fix-shrink packs indikati fuq l-invoices. Fuq kollox il-Bord ra li skont l-informazzjoni fuq dawn l-invoices ma kienx hemm logika kummercjali li taghmel sens bejn il-prezzijiet tax-shrink packs importati fis-snin 2004/2006 u dawk importati fl-2007. L-Appellant kien ipprezenta dikjarazzjoni minn ghand Hayat Danone (Fol.29 dok B) li tghid li n-numru ta' flixken tal-0.5 litru fix-shrink packs tal-ilma Hayat kien ta' 6 fliexken bejn is-snin 2004/2006, fil-waqt dak tal-1.5 litru kien ukoll ta' 6 flixken fl-istess zmien u dak tal-0.33 litru flavoured water kien ukoll ta' 6 flixken. Meta l-Bord evalwa l-informazzjoni fid-dokumenti li pprezenta l-Appellant kien jidher car li din iz-zieda fl-ippakjar ma kienx qed tigi riflessa fil-prezz ikkwotat fil-fatturi. Il-prezzijiet skont id-daqs tal-flixken tal-ilma fis-sena 2007 kienu, bejn wiehed u iehor, l-istess bhal dawk fis-snin 2004/2006, jigifieri li l-prezzijiet ta' kull unit (shrink pack) fuq l-invoices matul il-perjodu 2004-2007 kienu ferm vicin xulxin u ma kienu bl-ebda mod jirriflettu it-tibdil estensiv li l-appellant qieghed jallega li sar fejn ghandu x'jaqsam l-ippakjar. Il-Bord sostna li jekk kien hemm xi tibdil fil-packing il-unit prices ma nbidlux proporzjonalment u dan ifisser li l-unit prices matul il-perjodu kollu baqghu stabbli. Ghalhekk il-fatt li l-Appellant qed jikkalkula n-numru ta' fliexken skont is-shrink packs fuq l-invoices ma jregix u ma jaghmilx sens f'kuntest kummercjali.*

**15 .** *Fin-nuqqas ta' dokumenti minghand l-Appellant u s-supplier tieghu li kienu juru bic-car in-numru ta' fliexken f'kull shrink pack skont id-daqs, il-Bord iddecieda li jahdem ezercizzju fuq il-principju xjentifiku li kull litru ilma net jizen kilogram. B' hekk seta' jkun ikkalkulat in-numru totali ta' flixken ta' kull daqs importati f'dawk il-konsenji li fuqhom inhadmet l-istima. Dan l-ezercizzju l-Bord iddecieda li jaghmlu minn fuq id-dokumenti tad-Dwana li huma necessarji biex wiehed jimporta merkanzija f'Malta, flimkien ma l-invoices relattivi. Il-Bord xtaq ukoll li jkollu dettalji minn ghand l-Appellant tal-ordnijiet li kien jaghmel lis-supplier tieghu EXSA Sa fil-perjodi ta' snin imsemmija fil-paragrafu precedenti u kopji tal-price lists ta' din il-kumpannija li jkopru l-konsenji in kwistjoni.*

*Ghalhekk il-Bord kiteb lill-Appellant (Fol.67) biex dan jipprezenta lill-Bord il-kopji tal-ordnijiet li kien ghamel lis-supplier u kwalunkwe dokumenti ohra kummercjali relatati mal-konsenji ghall-istess perjodu. Fl-istess waqt il-Bord talalb lill-Kontrollur tad-Dwana biex jibaghat lill-Bord kopji tad-dokumenti tad-Dwana tal-importazzjoni mit-Turkija li kien ghamel l-Appellant u li huma koperti bl-invoices sottomessi mill-Appellant stess lill-Bord ghas-snin 2006/2007 biex il-Bord ikun jista' jqabbel il-piz tal-pakketti tal-ilma mportat bejn is-snin 2004/2006 u s-sena 2007 u b'hekk jasal biex ikun iddeterminat in-numru ta' flixken ippakjat fix-shrink packs bejn is-snin 2004/2006 u l-2007.*

**15.1** *Id-Dokumenti li l-Bord talab lid-Dwana waslu fit-8 ta' Awissu 2012, fil-waqt li ghat-talba tal-Bord lill-Appellanti ghal kopji tal-ordnijiet u tal-price lists u dokumenti kummercjali ohra relevanti, l-Appellant baghat e-mail fis-7 ta' Settembru 2012 (Fol.73) fejn dan stqarr li l-ordnijiet kien jghmilhom bit-telefown u allura m'ghandux dan it-tip ta' dokumenti x'juri, fil-waqt li ma kellux fil-pussess tieghu kopji tal-price lists minghand EXSA Sa.*

**16.** *Il-Bord ghalhekk hadem dan l-ezercizzju fuq il-principju ta' 1 litru ilma = 1 kilogram u fuq il-bazi tal-piz gross dikjarat fuq l-entries tad-Dwana sabiex ikun hemm u tinzamm konsistenza matul l-ezercizzju kollu (Dok. A hawn mehmuz) biex jasal ghan-numru ta' flixken tal-ilma attwalment importati mill-Appellant bejn is-snin 2004/2006 u mill-2007 il quddiem. Dan l-ezercizzju inhadem mill-informazzjoni fuq l-invoices sottomessi mill-Appellant u mid-dokumenti tad-*

*Dwana li l-Bord gabar minn dan id-Dipartiment stess ghas-snin 2006/2007 (Fol.70), kif ukoll skont l-informazzjoni mehuda mid-dokumenti tad-Dwana mehmuza mal-invoices sottomessi mill-Appellant (Fol.36) ghas-snin 2005/2006.*

*F'dan l-ezercizzju ittiehed in-numru ta' shrink packs id-daqs tal-flixken tal-ilma ezatt kif imnizzel fuq il-fatturi pprezentati mill-Appellant, izda mmultiplikati bin-numru ta' flixken li l-ufficjali tal-Awtorita' kellhom suspett li kienu ippakjati fix-shrink packs. Meta n-numru ta' flixken li jirrizulta minn din il-kalkolazzjoni gie multiplikat bil-piz net tal-ilma skont il-principju 1 litru ilma = 1kg., il-piz net totali ta' kull konsenja tant gie vicin il-piz gross imnizzel fuq id-dokumenti tad-Dwana relattivi ghall-perjodu 2004-2007 li dan jikkonferma li fl-ebda hin ma kien hemm tibdil fl-ippakjar kif qed jallega l-appellant. Ghal kuntrarju meta wiehed jiddividi il-piz gross skont l-entries tad-Dwana bin-numru ta' fliexken f'kull shrink pack kif qed jallega l-Appellant, il-piz ta' flixkun ilma irdoppja fil-kas tad-daqs tal-0.5 litru, waqt li ghad-daqs tal-1.5 litru, il-piz minn average normali ta' 1.5333kg gross telgha ghal average ta' 2.0817 kg gross. Dan imur kontra il-principju stabbilit li 1 litru = 1 kilogramm.*

*Dan ir-rizultat kien konsistenti matul l-ezercizzju kollu hlief ghal-konsenja wahda koperta bil-fattura 04/SU/212 fejn in-numru ta' fliexken fil-konsenja kien kif iddikjara l-Appellant (ara Dok. A hawn mehmuz). Dak li l-appellant qed jghid li japplika biss mill-1 ta' Jannar 2007 il-fatti li jirrizultaw mill-ezercizzju juru li dan japplika wkoll ghall-perjodu 2004-2006.*

***16.1** Ghalhekk mill-evidenza dokumentata provduta kemm mill-Appellant kif ukoll mid-Dipartiment tad-Dwana kif spjegat aktar 'l fuq, jirrizulta minn dan l-ezercizzju li kemm fuq bazi tal-prezz ddikkjarat fuq il-fatturi, kif ukoll mill-piz iddikjarat fid-dokumentazzjoni tad-Dwana, wiehed jikkonkludi li l-ippakkjar tax-shrink packs ta' ilma importati fis-snin 2004/2006 skont id-daqs tal-flixken kif jidher fuq il-fatturi ma kienx iddikjarat mill-Appellant u mis-supplier tieghu EXSA Sa fic-certifikat li dawn ta' l-ahhar baghtu (ara Fol.29 Dok B), izdal-ippakjar kien ezatt bhall tax-shrink packs importati fis-sena 2007 u li hemm qbil fuqu bejn il-partijiet, cjoe':*

*Shrink packs bi fliexken tal-ilma tal-0.5 ltr kienu ippakkjati bi 12 il-flixkun*

*Shrink packs bi fliexken tal-ilma tal-1.5 ltr kienu ippakkjati bi 8 il-flixkun*
*Shrink packs bi fliexken tal-ilma tal-5.0 ltr kienu ippakkjati b' 4 fliexken*
*Shrink packs bi fliexken tal-ilma "flavoured" tal-0.33 ltr kienu ippakkjati b'24 flixkun.*

*Minn dan l-ezercizzju johrog car li ma kienx hemm varjazzjoni bejn kif kienu allegatament ippakkjati ix-shrink packs skont id-daqs tal-flixken fis-snin 2004/2006 u kif kien l-ippakkjar fis-sena 2007, is-sena li hemm qbil fuqha bejn il-partijiet. Ic-certifikat tal-ippakkjar minghut mill-manifattur tal-ilma EXSA Sa mhux ikkorraborat mill-evidenza li hemm fuq id-dokumentazzjoni tad-Dwana ghall-importazzjonijiet relattivi. Din l-evidenza turi li l-ippakkjar qatt ma varja u kien l-istess matul is-snin hlief bl-eccezzjoni tal-invoice 04/SU/212 imsemmija aktar 'l fuq. Barra min dan, l-ezercizzju wera bic-car li matul l-istess perjodu 2004-2007 ix-shrink packs tal-5 litri dejjem kienu jikkonsistu f'4 fliexken u qatt f'wiehed.*

***17.*** *Rigward l-istima fuq prodotti mportati mill-Italja, l-Appellant qed jaccetta li parti minn din l-importazzjoni bejn is-snin 2004/2007 ma kienetx iddikkjarata minnhu izda qed jikkontendi ukoll li parti sustanzjali ohra minn din l-importazzjoni li tidher fuq id-dokumentazzjoni li l-Awtorita' gabet minn ghand il-Guardia di Finanza tal-Italja ma kienetx importata minnhu izda mill-eks siehed fin-negozju tieghu, kif spjegat f'paragrafi 6.1 u 8 aktar ' l fuq. L-Appellant qed jikkontendi li wara li nfirdu, l-eks sieheb kien uza l-isem u n-numru tal-VAT tal-kumpannija Euro Beverages Ltd. biex jimporta prodotti mill-Italja ghan-negozju tieghu (ta l-eks sieheb) minn wara daru. Ghaldaqstant l-Appellant, skont is-sottomissjoni tal-Awditur tieghu tad-19 ta' Settembru 2011 (Fol. 11), qed jiddikkjara li l-istima kif mahruga mill-Awtorita' ghandu tonqod ghal  Eur 23,407.*

*Rigward is-suspetti li kellu l-Appellant l-eks sieheb tieghu seta' kien qed jimporta mill-istess sorsi tal-kumpannija tieghu bl-istess isem tal-kumpannija, il-Bord josserva li ma gie pprezentat bl-ebda evidenza dwar dan. Ghal*

*kontraru, l-evidenza provduta mill-Guardia di Finanza fl-Italja turi li l-bejgh mid-ditti Taljani koncernati sar lill-Euro Beverages Ltd f'Malta bl-istess indirizz tal-kumpannija prezenti u l-hlas ghal dawn il-konsenji sar taht l-isem tal-istess kumpannija.*

**18.** *Ghalhekk il-Bord, wara li ra u ha in konsiderazzjoni l-evidenza pprezentata mill-Appellant, l-Awtorita' Kompetenti, id-Dipartiment tad-Dwana u d-dokumenti sottomessi mill-Korp tal-Gvern Taljan Guardia di Finanza, kif ukoll sema' l-evidenza taz-zewg partijiet waqt id-diversi seduti, seta' jasal ghall-konkluzjoni tal-kaz u qed jghaddi biex jiddeciedi l-kaz a bazi tal-fatti u l-evidenza kif elenkati fil-paragrafi precedent, u specifikament:*

*a ) li mill-ezercizzju li ghamel il-Bord kif spjegat f'paragrafu 16, jirrizulta li l-ippakkjar tal-prodotti tal-ilma mportati mill-Appellant minghand EXSA Sa ma kienx inbidel bejn is-snin 2004/2006 u s-sena 2007. Dan l-ezercizzju l-Bord ghamlu ghax kien tal-fehema li kellu jaghmel studju aktar précis mill-ezercizzju originali ipprezentat mill-awtorita. Ir-rizultat ta' dan l-ezercizzju tal-Bord, bbazat fuq il-piz ta' kull konsenja kif iddikkjarat ghall-fini tad-Dwana, juri li l-ippakkjar kien dejjem l-istess matul is-snin 2004 sa 2007. Ghalhekk dak li ddikkjara l-Appellant waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 (para. 8) li kien mis-sena 2007 ' l quddiem biss li l-ilma kien ippakkjat skont kif iddikkjara waqt din is-seduta, jigifieri pakkett ta' ilma Hayat bi flixken tal 0.5 litru kien ikun fih 12 il-flixkun, dak tal-1.5 litru kien ikun bi 8 flixken u dak tal-ilma flavoured tal-0.33 litru b'24 flixkun, ma jirrizultax mill-evidenza ta' dan l-ezercizzju. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-ippakkjar tal-ilma importat mill-Appellant minn din id-ditta kien dejjem l-istess fil-perjodu ta' zmien kopert mill-istima, cjoe', kif kien ikun ippakkjat fis-sena 2007. Il-Bord jinnota li ghas-sena 2007, iz-zewg partijiet qed jaqblu fuq kif kien ikun ippakjat l-ilma. L-istima originali li harget l-Awtorita' fuq dan il-prodott hija bbazata fuq ezercizzju mahdum fuq din l-evidenza tal-piz ta' kull konsenja mit-Turkija kif iddikkjarata ghal uzu tad-Dwana, flimkien mal-principju xjentifiku li 1 litru ilma jizen 1 kilogram. Ir-rizultati taz-zewg ezercizzji separate li saru mill-Bord kif ukoll mill-ufficcjali tal-Awtorita' juru li meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-piz ta kull shrink pack skont id-daqs tal-flixken, liema piz huwa konsistenti matul is-snin 2004 sa*

*l-2007, in-numru ta' flixken ippakkjati f' kull shrink pack matul dawn is-snin kien kif iddikjarat mill-Appellant stess ghas-sena 2007.*

*Li l-Bord, kif spjegat f'paragrafu 14, josserva ukoll il-prezz tal-ilma skont id-daqs tal-flixken kif indikat fil-fatturi pprezentati mill-Appellant huwa konsistentament fl-istess skala ta' prezzijiet matul is-snin 2004 sa 2006 u mis-sena 2007 'l quddiem, u assolutament ma jirriflettix l-irduppjar ta' flixken fl-ippakjar fil-kaz tal-flixken tal-0.5 litru u zieda ta' zewg fliexken fil-kaz tal-1.5 litre, kif qed jiddikkjara l-Appellant li sar mis-sena 2007.*

*Li min din l-evidenza dokumentata rigward l-importazzjoni ta' ilma minghand ESXA Sa il-Bord irrizultalu wkoll minghajr ebda dubju, li l-kontenut tal-ippakjar ta' l-ilma kien konsistenti matul is-snin 2004 sa 2007 u ghaldaqstant id-denunzji ta' l-appellant rigward dan il-prodott matul il-perjodi koperti mill-istejjem ma kienux korrwitti ghax id-dikjarazzjonijiet fid-denunzji kienu bin-nieqes. Il-Bord josserva li ma jistax ikun li sar tibdil fl-ippakjar mill 1 ta' JAnnar 2007 kif qieghed jallega l-appellant meta l-fatturi juru bejn qiehed u iehor l-istess prezzijiet ghal-kull unit tul il-perjodu kollu u, izjed u izjed, meta wiehed jinnota l-konsistenza fil-piz tax-shrink packs skont il-piz gross fid-dokumenti tad-Dwana matul il-perjodu kollu 2004-2007, meta l-appellant qieghed jallega li sar tibdil sostanzjali fl-ippakjar li kellu bilfors allura jigi rifless fil-piz iddikjarat fid-dokumenti tad-Dwana. Ghalhekk il-fatt li l-appellant qieghed jikkalkula n-numru ta' fliexken skont ix-shrink packs fuq l-invoices ma jregix u ma jaghmilx sens kemm fuq bazi ta' unit price kif ukoll fuq bazi ta' piz.*

*Li l-evidenza pprezentata mill-ufficjali tal-Awtorita' waqt is-sedutatal-21 ta' Ottubru 2011, li kienet tikkonsisti f'dokumentazzjoni sottomessa mill-Guardia di Finanza fuq talba tal-Awtorita (Fol 21 A & B) u li turi l-esportazzjoni ta' prodotti varji minn ditti Taljani lill-Appellant kif ukoll il-pagamenti li saru mill-Kumpanija Appellanti lill-dawn l-esportaturi, tikkonferma dak li sab l-ufficjal investigaw tal-Awtorita' fis-sistema tal-VIES li dawn l-importazzjonijiet qatt ma kienu gew iddikkjarati fid-denunzji tal-Eko Kontribuzzjoni. Ir-raguni li ta l-Appellant, kif huwa spjegat fil-paragrafi 6.1 u 8, hija li hu ma kienx jaf b'dawn l-importazzjonijiet u li, skont hu, il-probabilita kienet li l-bicca l-kbira minn din l-importazzjoni kien ghamilha l-eks sieheb fin-negozju mieghu minn wara daru, u ghalhekk mhux responsabbli ghaliha. L-Appellant izda kien accetta li parti*

*minn din l-importazzjoni koperta mid-dokumentazzjoni pprovduta mill-Guardia di Finanzi, kienet ghan-negozju tieghu, kif iddikkjara fis-sottomissjoni li ghamel ghan nom tieghu l-Awditur Raymond Vella (Fol. 11) u li ghalhekk kien qed jaccetta parti mill-istima originali ghall-ammont ta' Eur 23,407 barra l-penali dovuta.*

*Li l-Bord josserva li l-Appellant ma pprezenta ebda evidenza konkreta rigward dak li qal fit-trattazzjoni waqt is-seduti li l-eks sieheb fin-negozju mieghu, is-Sur Brian Borg, kien qed jingannah billi ghamel zmien jimporta prodotti f'isem id-ditta Euro Beverages Ltd. izda ghall-uzu tan-negozju tieghu stess. Il-Bord jinsisti li kwistjonijiet ta' ingann bejn shab fin-negozju ma jaqghux taht il-kompitu tal-bord. In fatti fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 (para. 8 hawn fuq), l-Appellant stqarr li kien fetah kawza l-Qorti kontra l-eks sieheb tieghu fuq frodi.*

*Ghalhekk il-Bord, fin-nuqqas ta' evidenza jew xhieda rigward din is-sitwazzjoni bejn l-Appellant u l-eks sieheb tieghu, ma jistax jaccetta dan l-argument, u jekk is-sistema tal-VIES imhaddma mill-Kummissjoni Ewropea turi li hemm irregistrat numru ta' konsenji esportati mid-ditti Taljani lis-Socjeta Appellanti, l-Appellant ma jistghax jaccetta parti minn din l-esportazzjoni u jichad ir-responsabilita ghall-kumplament minghajr ma jsostni din ic-cahda b'evidenzi dokumentata.*

*Ghaldaqstant il-Bord qed jichad dan l-appell u jikkonferma l-likwidazzjoni tal-istimi u penali mahruga mill-Kummissarju tal-VAT bhala l-Awtorita' Kompetenti, izda bil-korrezzjoni msemmija f'paragrafu 12, billi l-istima ghall-perjodu ta' taxxa 1.11.2007 sa 31.1.2007 titnaqqas bi Eur 3,631.23 waqt li l-penali ghall-istess perjodu titnaqqas bi Eur 363.12".*

Illi s-socjeta appellanti tressaq essenzjalment zewg aggravvji ghal dina id-decizjoni ghalkemm jidher mir-rikors promotur li hemm tlett lanjanzi u dana

billi it-tielet wahda mhi xejn aktar hlief estensjoni jew kontinwazzjoni tat-tieni aggravvju:

1. Illi l-Bord ta'l-Appelli ghazel li jiskarta il-provi mressqa mill-appellanti sabiex juri u jiggustifika d-differenzi bejn il-kwalitajiet ta' fliexken ta'l-ilma li gew mixtrija u importati u l-kwantitajiet li id-Direttur appellat kien ibbaza l-istima tieghu fuqha. Dawn gew skartati mill-Bord mhux ghax kienu inattendibbli izda ghaliex fil-fehma tieghu ma kenux jaghmlu sens f'kuntest kummercjali.

2. Illi l-Bord ta'l-Appelli ghazel li ikun imhallef u prosekutur fl-istess hin meta ghamel ezercizzju ta' kalkolu li irrefera ghalih bhala wiehed xjentifiku u dana sabiex immotiva d-decizjoni tieghu u wasal b'hekk ghad-decizjoni illi ma kienx hemm tibdil fl-ippakkjar kif allegat u ippruvat mis-socjeta appellanti.

Illi d-Direttur appellat jilqa' ghal dan l-appell billi isostni illi dak ilmentat mis-socjeta appellanti ma jirrigwarda xejn ghajr l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Bord ta'l-Appelli li ghamel evalwazzjoni gusta u dettaljata tal-provi li kellu quddiemu. Illi l-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu billi skarta il-provi li dehrulu, kif kellu dritt li jaghmel fil-funzjoni tieghu aggudikattiva, li kienu inattendibbli. Il-kalkolazzjonijiet li saru mill-Bord kellhom isiru billi s-socjeta appellanti naqqset milli tressaq provi sufficjenti sabiex twassal il-Bord ghad-decizjoni tieghu.

Din il-Qorti jidhrilha illi qabel kull konsiderazzjoni ghandu jigi iccarat dak li jiddisponi il-Kapitolu 473 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar id-dritt ta’l-appell mill-Bord ta’ l-Appelli krejat bl-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni illi jaghti dana il-jedd limitatament fuq punt ta’ dritt biss. Illi minn ezami ta’l-aggravvji sollevati mis-socjeta appellanti ma hemmx dubbju illi l-appell huwa imsejjes fuq zewg gravami wahda intimament konnessa mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Bord b’mod specjali mal-metodu kif sar tali apprezzament u l-ohra ghalhekk ibbazata fuq ksur ta’ principji ta’ gustizzja naturali fejn hu allegat illi l-gudikant jew gudikanti agixxew bhala imhallef u prosektur fl-istess waqt billi inoltraw ruhhom fid-dmir tal-Kummissarju u ghamlu stima huma stess ta’ dak dovut mit-*tax-payer* u cioe’ mis-socjeta appellanti. Dan ghamluh billi ibbazzaw ruhhom fuq *commercial practises* u mhux fuq dak li irrizulta mill-atti probatorji.

Illi minn qari ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 23(1) ta’l-Att, jirrizulta illi l-hsieb tal-legislatur kien intiz sabiexjaghti dritt ghall-appell semplicement fil-kazi meta kwistjonijiet li huma involuti ta’ dritt kienu diskussi u definiti mill-Bord. Din il-Qorti fliet is-sentenza appellata u irrizultalha illi fl-ebda parti tad-decizjoni il-Bord ma iddecieda xi punt ta’ dritt. Illi l-Bord ghamel ezami akkurat u iddettaljat tal-provi li kellu quddiemu sabiex jistabilixxi jekk l-istima maghmula mill-Kummissarju kenitx wahda gusta u tirrifletti il-fatti probatorji li kellu quddiemu.

Kwindi biex sentenza mill-Bord ta’l-Appelli dwar l-eko-kontribuzzjonijiet tkun appellabbli hemm bzonn li dik il-kwistjoni ta’ dritt tkun iffurmat kontroversja quddiem il-Bord bejn il-partijiet, u tkun giet deciza fis-sentenza appellata. L-ebda parti mid-decizjoni impunjata ma tikkontjeni fiha xi xi punt legali u lanqas

ma jidher mill-atti illi qatt gie devolut xi punt ta' dritt ghall-konsiderazzjoni tal-Bord.

Kwindi minn dak ikkunsidrat ma hemmx dubbju illi d-decizjoni tal-Bord kienet inappellabbli u ikun inutli ghas-socjeta appellanti illi tipprova tiggranfa ruhha ma' xi allegat ksur ta' principji ta' dritt naturali billi tallega illi l-Bord agixxa bhala imhallef u prosekutur fil-kwistjoni devoluta quddiemu billi ma hemmx lok ghall-appell fuq dan l-argument. Kif tajjeb jissottometti il-Kummissarju appellat fir-risposta tieghu, dina l-lanjanza ghandha tigi indirizzata f'*forum* iehor, izda mhux quddiem dina il-Qorti ta' revizjoni fejn il-poteri taghha huma ben definiti fil-ligi.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-Qorti thoss illi ghandha tesprimi il-fehma taghha dwar dak lamentat mis-socjeta appellanti billi tishaq illi il-Bord, kompost minn nies esperti fil-qasam kummercjali, finanzjarju u tekniku, kif stabbilit fl-artikolu 26(2)(b) tal-Kapitolu 473, ma ghamel xejn aktar fid-decizjoni tieghu hlief li applika dik l-*expertise* sabiex abbazi tal-provi u dokumenti li kellu quddiemu jasal ghad-decizjoni tieghu billi jara jekk l-istima maghmula mill-Kummissarju kenitx wahda rejali jew esagerata kif kienet qed tallega s-socjeta appellanti. Dak hu fuq kollox id-dmir tal-gudikant ta' kwalunkwe qorti, bord jew tribunal u cioe' illi jaghrbel il-provi li ghandu quddiemu u japplika l-istess ghall-principji kemm ta' dritt kif ukoll ta' fatt li jinstabu fl-atti u dana bl-applikazzjoni ta'l-gherf tieghu fil-qasam partikolari li fih jispecjalizza. Tant hu hekk illi meta il-gudikant ikun fdat f'idejh kwistjoni teknika jew legali li ma ghandux bizzejjed gharfien fih, il-ligi stess taghtih il-jedd jitlob l-assistenza ta' espert fil-qasam tal-kwistjoni li tkun devoluta quddiemu. Fil-fehma tal-Qorti, il-Bord ma ghamel xejn hlief dan u cioe' illi applika l-gharfien tieghu ghall-provi probatorji sabiex

jistabilixxi liema mis-zewg argumentazzjonijiet li kellu quddiemu kienu jaghmlu l-iktar sens.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandha tbatiehom is-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------